# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 212/2022: **GO P.L.C. (C22334) V. IQUE SOLUTIONS LIMITED (C66597) U B'DIGRIET TAT-30 TA' NOVEMBRU 2023 ĠIET MAĦTURA DR. MARIA KARLSSON BĦALA KURATUR DEPUTAT SABIEX TIRRAPPREŻENTA L-INTERESSI TAL-KUMPANIJA INTIMATA BILLI D-DIRETTUR TAGĦHA VAMBO LAUD HUWA ASSENTI MINN MALTA**

(AMMONT DOVUT)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**22 ta' April 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' GO p.l.c. (imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2022[1] li permezz tiegħu talbet li Ique Solutions Limited (imsejjħa "il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata li:

> **'tħallas, lis-soċjetà attriċi, s-somma ta' ħdax-il elf seba' mija u tmienja u erbgħin euro u dsatax-il ċenteżmu (€11,748.19) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numri 40707674.**

[1] Fol 1-16

**Bl-ispejjeż, kompriżi d-drittijiet professjonali, inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali bir-riferenza 1094/19, u bl-imgħaxijiet sa' mill-5 ta' Lulju 2019 data li fiha ġie notifikat bl-ittra uffiċjali msemmija d-direttur tas-soċjetà intimata Siim Tonne, kontra s-soċjetà intimata, li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.'**

wara li rat illi b'digriet tat-23 ta' Awwissu 2023 din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-ħatra ta' kuratur deputat sabiex tirrappreżenta lill-intimata u għall-ħruġ tal-bandi billi d-direttur tagħha Vambo Laud huwa assenti minn Malta ai termini tal-Art. 929(d) tal-Kap. 12, u li b'digriet tat-30 ta' Novembru 2023[2] il-Qorti ħatret lill-Avukat Dr. Maria Karlsson għal dan il-għan (imsejjħa "il-kuratur deputat intimata"),

wara li rat ir-risposta tal-kuratur deputat intimata tas-16 ta' Jannar 2024[3] li permezz tagħha rrispondiet kif ġej:

**'Illi hi ġiet maħtura bħala kuratur deputat b'digriet tat-30 ta' Novembru 2023 sabiex tirrappreżenta l-interessi tas-soċjetà Ique Solutions Ltd (C66597).**

**Illi l-kuratriċi deputata m'hijiex edotta mill-fatti u għaldaqstant tirriserva d-dritt li tagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt meta jkun il-każ.**

**Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti'**

wara li rat l-affidavit maħluf tar-rappreżentanta tal-kumpanija rikorrenti ppreżentat fl-4 ta' Marzu 2024[4],

wara li rat li fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2024 il-kawża tħalliet għat-22 ta' April 2024 għall-provi tal-intimata[5],

wara li semgħet lill-kuratur deputat intimata tgħid fis-seduta tal-lum 22 ta' April 2024 illi minkejja li kienet għamlet numru ta' tentattivi sabiex tikkomunika mad-diretturi tal-intimata hija ma rnexxilix tagħmel kuntatt magħhom u wara li rat korrespondenza f'dan ir-rigward[6],

wara li rat li fl-istess seduta tal-lum il-kawża ġiet posposta sabiex tingħata sentenza,

qed tagħti din is-

[2] Fol 33
[3] Fol 69
[4] Fol 76
[5] Fol 74
[6] Fol 78

**Sentenza**

1. Fl-affidavit maħluf tar-rappreżentanta tal-kumpanija rikorrenti, **Beverly Xerxen,** ppreżentat fl-4 ta' Marzu 2024[7], li tokkupa l-kariga ta' *Manager* fid-Dipartiment tal-*Credit Control* din qalet illi wara li vverifikat mar-*records* tal-kumpanija rikorrenti setgħet tikkonferma personalment illi:

    - Fir-rigward tal-kont bin-numru 40707674 l-ammont dovut jammonta għal ħdax-il elf seba' mija u tmienja u erbgħin euro u dsatax-il ċenteżmu (€11,748.19)
    - Dan l-ammont jinkludi fih il-penalitajiet applikabbli in konnessjoni mat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratti.
    - Kif jirriżulta mid-dokumenti immarkati Dok B1 sa B5 annessi mar-rikors promotur, il-kumpanija intimata kkuntrattat mal-GO p.l.c. in konnessjoni ma' servizzi bin-numri 79009755, 79770002, 99365625, u 99754811, liema kuntratti huma kollha tat-tip 'Business'.
    - l-intimata m'onoratx l-obbligi kuntrattwali tagħha u konsegwentement ġew itterminati s-servizzi u kellhom jittieħdu proċeduri legali.
    - Mal-ammont mitlub iridu jiżdiedu l-imgħaxijiet, drittijiet u l-ispejjeż legali
    - L-ammont mitlub huwa dovut minn Ique Solutions Limited, kumpanija bin-numru ta' reġistrazzjoni C66597 .

2. Fis-seduta tal-lum, 22 ta' April 2024, li kienet riservata għall-provi tal-intimata, il-kuratur deputat intimata ddikjarat illi minkejja li kienet għamlet numru ta' tentattivi sabiex tikkomunika mad-diretturi tal-intimata hija ma rnexxilix tagħmel kuntatt magħhom. Għalhekk ma kellha l-ebda informazzjoni sabiex tkun tista' tgħinha tippreżenta d-difiża tal-intimata. F'dan ir-rigward esebiet ukoll korrespondenza[8],

3. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tara li l-intimata m'għandhiex difiża xi tressaq u *di piu'* r-rikorrenti ressqet provi suffiċjenti sabiex fuq bilanċ ta' probabiltajiet l-Qorti tilqa' t-talbiet tagħha.

**Deċiżjoni**

[7] Fol 76
[8] Fol 78

4. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti b'dan illi:**

1. **tiddikjara illi l-kumpanija intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma komplessiva ta' ħdax-il elf seba' mija u tmienja u erbgħin euro u dsatax-il ċenteżmu (€11,748.19) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numri 40707674,**

2. **tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas din is-somma lill-kumpanija rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekoribbli mill-5 ta' Lulju 2019 sal-effettiv pagament,**

3. **tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas ukoll l-ispejjeż kif mitluba.**

**Tordna ukoll il-ħlas tad-drittijiet tal-Kuratur Deputat skond il-liġi.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |